# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 73

**Il-Ħamis 19 ta' Ottubru, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Sannat, Ta' Sannat, fit-3.08 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Marie Georgette Spiteri – Ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ (imjel anness)

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# AĠENDA NRU.73

73.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċedenti Nru 72 – 8;

73.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

73.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;

73.5 Rapport ta' kull kwart Lul – Sett 2017;

73.6 Uffiċjal Eżekuttiv;

73.7 Ilmenti u Suġġerimenti;

73.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 10/2017;

73.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 73.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

73.1.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ambaxxatriċi għaż-żgħażagħ infurmat lill-Kunsill permezz ta' imejl li ma setgħax tattendi għal din il-laqgħa.

## 73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 72 – 8

73.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal Minuti tal-laqgħat preċendenti Nru. 72 – 8 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 73.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

73.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-pendenzi fuq il-kont minn Miżura 323 issa ġie mħallas lil Kuntrattur u b'hekk ma għadx fadal pendenzi. Il-Kunsill qed jistenna struzzjonijiet mill-ARPA biex dawn il-kontijiet bankarji jingħalqu.

73.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu reġa kiteb lil Ministru għal Għawdex kif ukoll bgħat ir-ritratti dwar Triq Sannat wara li għamlet l-ewwel maltempata dan l-aħħar.

73.3.3 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 6 ta' Ottubru ġew jiffilmjaw Ta' Sannat għal programm televiżiv Xift fuq TVM2. Dawn qed jitolbu xi ritratti ta' attivitajiet li saru u tal-lokalita'.

73.3.4 Is-Sindku qal li hu ma setax jattendi għal Laqgħa Plenarja tal-Assoċjazzoni tal-Kunsilli Lokali li saret nhar is-Sibt 30 ta' Settembru 2017. Il-laqgħa tas-Sindki u l-Viċi Sindku li jmiss u li għalija ġew mistiedna wkoll s-Sergertarji Eżekuttivi ser issir Għawdex fil-Grand Hotel, Mġarr nhar il-Ġimgħa 15 u s-Sibt 16 ta' Diċembru 2017.

73.3.5 Is-Sindku qal li hu laqqa' l-voluntiera tas-sotto kumitat tal-ġemellaġġ biex tiġi organizzata l-attivita' ta' Jum Dinji tat-tfal li ser issir nhar il-Ħadd 19 ta' Novembru 2017. Din l-attivita' ser issir b'risq il-Marigold Foundation minflok il-Malta Community Chest Fund peress li ser issir attivita oħra b'risq din l-għaqda. Il-Kunsill qabel li din l-attivita' issir wara nofsinhar u ser tkun tikkonsisti f'logħob għat-tfal li se jinkludi magician, face painting, kantanti lokali, rokna tax-xjenza minn Esplora, martial arts u fitness classes. Il-Kunsilliera Cassar Sultana ssuġġeriet li din l-attivita' tkun programmata bil-ħin. Għal waqt din l-attivita' l-Kunsill irid jaħseb għas-sound il-frott u l-ilma.

73.3.6 Is-Sindku qal li rċieva ittra mingħand il-President ta' Malta dwar l-Istrina 2017, fejn qed jintalab li din is-sena titpoġġa l-kelma ISTRINA ma l-art ġo post ċentrali fejn in-nies se jkunu mistiedna jitfgħu €2 u timtela bil-muniti.

73.3.7 Is-Sindku qal li fl-okkażjoni tal-75 anniversarju minn meta kienu waqgħu l-bombi mill-ajru fuq Ta' Sannat nhar l-10 ta' Ottubru fi Triq Dun Xand Aquilina, il-Parroċċa organizzat

quddiesa b'suffraġju ta' dawk it-18-il vittma li kienu mietu minn Ta' Sannat. Għal din il-quddiesa l-Kunsill kien mistieden u attenda. Il-Kunsill ordna kuruna tal-fjuri li wara l-quddiesa tpoġġiet fejn il-lapida tal-ġnien il-vitmi tal-gwerra fi Triq il-Kbira.

73.3.8 Is-Sindku qal li wara li sar il-kors b'suċċess tal-First Aid bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Drammatika Sannat, l-għaqda qalet li ġiet avviċinata minn dawk li attendew għal dan il-kors u oħrajn biex isir kors ieħor din id-darba fil-Pediatric First Aid. Il-Kunsill qabel li jsir dan.

73.3.9 Is-Sindku qal li rċieva ittra mis-Soċjeta Mużikali Santa Margerita li bħal dawn l-aħħar tlett snin ser jerġa jitella' programm Mużikali għal żmien il-Milied fil-knisja. Is-Soċjeta' qed titlob lill-Kunsill biex jikkolabora u jikkontribwixxi f'din l-attivita'. Il-Kunsill staqsa f'hiex tikkonsisti din l-għajnuna, s-Sindku qal li biex isir riċevimenti wara din l-attivita'. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

73.3.10 Is-Sindku qal li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nfurmat lill-Kunsilli Lokali li l-kumpanija Green MT nediet kampanja edukattiva bl-isem Tetra għall-Istina "tuna l-kartuna tal-Ħalib u lill-Istrina nagħtu daqqa t'id" waqt il-ġimgħa ewropeja għat-tnaqqis tal-iskart (EWWR). Din qed tħeġġeġ lill-Kunsilli biex jinġabar il-kartun tal-ħalib u juices fejn il-kumpanija ser tagħti €60 għal kull tunnellata għal dan it-tip ta' materjal li jinġabar lil Malta Community Chest Fund Foundation. Ser ikun hemm biljetti x'jintrebħu f'lotterija li jingħataw lir-residenti meta jiġu b'10 kartuniet fil-Kunsilli. Is-Sindku qal li l-Kumpanija GreenPak wkoll bgħatet imjel rigward kampanja oħra bl-isem Nirriċikla għall-Istrina... kull tapp tal-plastik jgħodd li qed isir għas-sebgħa sena. Għal din l-inzjattiva s-Sindku qal li se jara kif tista ssir u li l-Kunsill ikun jista.

73.3.11 Is-Sindku qal li mill-MGOZ avviċinawh peress li l-Kunsill din is-sena ma bgħatx talba biex is-siġra tal-Awrikarja fi Pjazza Santa Margerita tiġi mżejna b'dawl dekorattiv għal żmien il-Milied. Is-Sindku qal li fuq parir ta' esperti peress li s-siġra tinsab fi stat ta kif inhi jkun aħjar li din ma tiġix mżejna. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jgħamel minn kollox biex din is-siġra tibqa ħajja.

## 73.4 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

73.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal lill-Kunsill li bħal ma ġew nfurmati permezz taċ-Ċirkulari Nru. 28/2017 mid-DLG, l-Elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv 2017 tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li kellha issir nhar is-Sibt li għadda ma saritx peress li għal kull vakanza saret nominazzjoni waħda biss u b'hekk l-postijiet ġew mimlija b'dawk li applikaw. B'hekk l-uffiċċju tal-Kunsill fetaħ bħas-soltu.

73.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-bilanċ tal-Urban Improvement Fund (Awtorita' tal-Ippjanar) huwa ta' €44.314.86c. Minn dan il-fond il-Kunsill irid japplika biex issir Triq il-Kalati.

73.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl.

Ċirkularijiet:

| | |
|---|---|
| Nru. 28 /2017 | L-elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali |

| | |
|---|---|
| Nru. 29/2017 | Kuntratti għal Servizzi skont Procurement Policy Note 25 |
| Nru. 30/2017 | Twettiq ta' proġetti utli għall-komunita bla spejjeż għall-Kunsilli Lokali |

## 73.5 Rapport ta' kull kwart Lul – Sett 2017

73.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport tat-tielet kwart Lulju – Settembru 2017 u li dan kien ġie ċċirkulat minn qabel lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Il-Kunsill qabel ma dan ir-rapport. Dan ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 73.6 Uffiċjal Eżekuttiv

73.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li fl-uffiċċju, x-xogħol b'ċerta responsabilita' qiegħed dejjem jiżdied, għalhekk iħoss li hemm il-ħtieġa li toħroġ vakanza nterna għal grad ta' Uffiċjal Eżekuttiv. Hu qal li l-unika skrivana ilha taħdem mall-Kunsill għal dawn l-aħħar seba' snin u li dejjem qdiet dmirha b'responsabilta' kbira u b'impenn. Il-Kunsill faħħar ix-xogħol li twettaq is-Sinjura Mercieca u qabel u qal li għandu jikteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar dan.

## 73.7 Ilmenti u Suġġerimenti

73.7.1 Is-Sur Roland Vella qed jitlob li l-bougunvilla li hemm fi Triq Gerxija tiġi miżbura sikwit peress li hija ta' inkonvenjent għal passanti bil-karozzi. Il-Kunsill qal li din ix-xeblika tħawlet minn sid id-dar u għalhekk għandha tiġi miżburha minnu apparti, dan din qatt ma setgħet tħawlet fejn hi.

73.7.2 Is-Sur Joe Grech ta' Triq il-Kbira qed jitlob lill-Kunsill biex l' isqaq fi Triq il-Kbira li jinfed għal Triq l-20 ta' Lulju jiġi mnaddaf mill-karozzi maħbuta u kull ostaklu ieħor. Apparti dan fi Triq l-20 ta' Lulju hemm periklu ta' 2 muturi blowers li mhux suppost jinsabu hemm. Il-Kunsill qabel li dwar dan l-ilment is-Sur Grech għandu jinforma hu stess lill-Awtoritajiet kompetenti.

73.7.3 Il-Kunsill irċieva diversi lmenti mingħand indvidwi rigward ħajt tas-sejjieħ imwaqqa għat-triq fi Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq Bardan. Is-Sindku qal li hu diġa nforma lil min jieħu ħsieb din l-art u qal li s-sidien tal-art jinsabu l-Awstralja.

73.7.4 Il-Ħaddiema assenjati mall-Kunsill qalu li hemm mera miksura fi Triq il-Kbira quddiem il-farm tal-Merill. Il-Kunsill qabel li din għandha tinbidel ma waħda ġdida.

73.7.5 Il-Kunsillier Bajada ġibed l-attenzjoni u talab li ssir mera fil-għoli fuq arblu fil-kantuniera ta' Triq tal-Gruwa qabel tibda n-niżla biex tgħin lil min ikun qed isuq kemm il-fuq u l'isfel. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

73.7.6 Il-Ħaddiema assenjati mall-Kunsill ġibdu l-attenzjoni tal-Kunsill li t-tabelli Speed 35 fi Triq il-Kbira spiċċaw bl-element naturali u ma għadhomx jinqraw u hemm bżonn li jsir il-bdil tagħhom. Is-Sindku qal li dawn jistgħu jinqalgħu għaliex diġa hemm is-sinjali biż-żebgħa fl-art.

73.7.7 Il-Kunsilliera Cassar Sultana qalet li ġiet mitluba mis-Sinjura Gatt ta' Triq Gerxija li meta saret

it-triq bit-tarmak ġdid is-sinjali f'din it-triq ma reġgħux saru. Il-Kunsill qabel li jerġu jsiru dawn is-sinjali.

73.7.8 Is-Sur Talbot ta' Triq il-Blat qed jilmenta li l-funtana fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri ma kinitx qed taħdem u qed tiġbor in-nemus. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li din tnaddfet u qed taħdem.

73.7.9 Is-Sur Joseph Pace mix-Xewkija qed jilmenta biex jinbnew il-ħitan tas-sejjieħ fi Triq tal-Gruwa għal bajja ta' Mġarr ix-Xini. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu spjega lis-Sur Pace li l-Kunsill f'Lulju ta' din is-sena, applika minn Miżura 4.4 fondi ewropej fuq dan ir-riġward.

73.7.10 Is-Sur Jean Sillitoe minn Triq Palazz Palina qed jilmenta li quddiem għalqa fejn il-binja ta' Karkanja qed jinġabar skart domestiku. Is-Sindku qal li dan il-ħmieġ inġabar.

73.7.11 Il-ħaddiema assenjati mall-Kunsill qalu li fi Triq tal-Gruwa xi ħadd għamel kurduna u xi siment f'din it-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din il-kurduna nqalet minn ma l-art biex nevitaw il-periklu.

73.7.12 Il-Kunsill irraporta li wara l-ewwel xita fi Triq tal-Gruwa għal bajja ta' Mġarr ix-Xini ġġarraf ħajt tas-sejjieħ. Dwar dan is-Segretarju Eżekuttiv qal li ntalbet l-għajnuna tal-ħaddiema tal-MGOZ. Il-Kunsill ġie nfurmat mill-MGOZ li dan il-ħajt irid jinbena minn sid l-għalqa.

73.7.13 Is-Sur Patrick Zarb ta' Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri qed jitlob lill-Kunsill il-kurduna għal bankina ġdida quddiem id-dar. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

73.7.14 Il-ħaddiema assejnati mall-Kunsill qalu li l-kaxxa tad-dawl fil-ġnien tal-bidwi mhux qed tingħalaq u li l-main tat-tisqija tal-ilma li bħalissa jinsab magħluq jinsab mitqub. Huma qed jitlobu li dawn il-pajpijet tal-ilma jiġu magħluqa minħabba ħsarat li jistgħu jinqalgħu. Il-Kunsill qabel ma din it-talba.

73.7.15 Il-ħaddiema assejnati mall-Kunsill qalu li l-Ġnien tal-Bidwi għandu bżonn li jiġi maħrut peress li kiber il-ħaxix ħażin. Il-Kunsill qabel ma din it-talba u ser iqabbad lill-Għaqda tal-Armar Ta' Sannat biex jgħamlu dan ix-xogħol.

73.7.16 Il-Kuntrattur tal-playing field fi Triq Marziena ġibed l-attenzjoni li palma phoenix li tinsab fl-entratura tal-ġnien qed tmut x'aktarx mill-bumunqar aħmar. Il-Kunsill qabel li għandu jara jekk din hux qed tmut.

73.7.17 Xi residenti talbu li f' Ta' Ċenċ Junction fuq in-naħa ta' Triq Dun Luqa fejn hemm impitter is-central strip tinżebgħa bl-aħmar.

73.7.18 Is-Sur Anthony Sciberras qed jilmenta b'rampa għall-egħlieqi li qed tiġġaraf fi Triq il-Qortina. Il-Kunsill qal li din ir-rampa hija waħda privata u għalhekk trid tinbena mis-sid.

73.7.19 Is-Sindku qal li fi Triq il-Pinnur fuq in-naħa tal- Ġnien tal-Bidwi fejn kien inbena l-ħajt tas-sejjieħ b'fondi ewropej hemm selħa żgħira f'dan il-ħajt. Din it-tiswija għandha ssir mill-ħaddiema assejnati mall-Kunsill.

73.7.20 Is-Sindku tkellem dwar il-bankina ta' quddiem Rosina's Bar fi Pjazzetta tax-Xelina fejn is-Sinjorina Tabone qed tilmenta dwara u qal li l-Perit għandu jiġi jara x'jista jsir.

*Fl-4.30 p.m. is-Sindku talab lill-Viċi Sindku biex tkompli bil-laqgħa hi peress li hu kellu jħalli l-kamra tal-laqgħat.*

## 73.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

73.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 10/2017 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż ma dawn il-minuti tal-laqgħa.

## 72.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

72.13.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.37 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 15 ta' Novembru 2017, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 15 ta' Novembru 2017.

| | |
|---|---|
| **(Iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |